TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 2 ta' Ottubru 2015

Avviz Numru 31/2015

**Erica Stellini Formosa**

**Vs**

**Josef Stellini**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fil-25 ta' Settembru 2015 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas minn ghand zewgha l-konvenut fis-somma ta' erba mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€ 422.63) rapprezentanti nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni ta' binhom minuri Nikos Stellini skond kif ordnat b'digriet tal-Qorti kompetenti tas-7 ta' April 2014 . Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitlub.

Il-konvenut laqgha ghal din it-talba b'serje ta' eccezzjonijiet kif jidrhu fir-risposta a fol 32 tal-process, li taghhom dan it-Tribunal ha konjizzjoni.

Ra' l-atti kollha u d-dokumenti kollha esebiti, nkluzi n-noti u dokumenti esebiti mill-partijiet fil-mori tad-differiment ghas-sentenza.

Ra' illi fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas is-sorte kollu.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015 ) li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi ghalkemm ma sartix nota ta' cessjoni fil-mertu jirrizulta nkontestat min-noti tal-partijiet illi llum l-mertu gie ezawrit billi is-sorte thallas fl-intier tieghu.

Fis-seduta mizmuma quddiemu dan it-Tribunal stieden lil partijiet biex jevalwaw sew il-posizzjoni taghhom. Il-konvenut insista li ried jara l-original ta' l-ircevuti u wara li dawn gew mostrati lilu seduta stante huwa hallas is-sorte kollu.

Ghalhekk illum kull ma baqa' huwa l-kap ta' l-ispejjes.

Qabel xejn dan it-Tribunal jigbed l-attenzjoni tal-partijiet sabiex minkejja li z-zwieg taghhom ma rnexxiex huma ma jhallux dan il-fatt ifxkilhom fit-trobbija ta' binhom li ghadu zghir hafna. Fejn jidhol dan it-tifel, li zgur ma ghandu htija ta' xejn ghal dak li gara bejn il-partijiet, l-piki ghandhom jitwarrbu ghal kollox.

Dan it-Tribunal fil-fatt ifisser dak kollu li wassal ghal dan il-kaz bhala rizultat ta' pika zejda; pika immatura li ma tixraq lil ebda' genitur. F'dan il-kaz dan it-Tribunal kien jippretendi istruzzjoni ahjar minn l-avukati tal-partijiet.

Galadarba l-ircevuti li taghhom intalab nofs il-hlas hargu minn idejn l-avukat tal-omm, l-missier ma kellu jkollu l-ebda dubbju dwar il-veracita taghhom. Jekk kien hemm xi dubbju dwar l-awtenticita ta' xi wahda jew aktar partikolari kellu kull dritt jitlob li jara l-original taghha izda li jaqbad jitlob l-original ta' kollox bla raguni ta' xejn ghax inkella ma jhallasx dak li hu dovut minnu, ma hijiex accettabbli.

Min naha l-ohra bi ftit sens u pacenzja l-attrici setghet frankat din il-kawza billi tramite l-avukati tal-partijiet turi l-original tal-ircevuti.

Minn dan jitnissel illi z-zewgt partijiet kellom nuqqasijiet li wasslu ghal din il-kawza li setghet giet evitata facilment. Nuqqasijiet li pero huma fi gradi differenti kif ser jigi rifless fl-allokazzjoni ta' l-ispejjes.

Ghal dawn il-motivi dan it-tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jastjeni minn li jaghmel provvediment fuq il-mertu u fuq it-talba ghal l-imghaxijiet; jiddecidi l-kap ta' l-ispejjs billi jordna illi dawn jigu supportati kwanu ghal kwart minn l-attrici u tlett kwarti mill-konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur